**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**-vs-**

**Dylan Micallef**
**detentur tal-Karta tal-Identità 69794(M)**

*Kumpilazzjoni Numru: 24/2022*

**Illum, 2 ta' Settembru, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Dylan Micallef** u cioe' talli:[1]

Nhar id-9 ta' Lulju 2018, għall-ħabta ta' 11.20 ta' filgħaxija, waqt li kien qiegħed fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Għawdex:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mariano Azzopardi (K.I.7558G) skont kif iċċertifikat Dr. Marlene Attard M.D. (Med. Reg. 1853) mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, *ai termini tal-Artikolu 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas

[1] Fol.27-28. Fol.163-164

ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Grech (K.I. 3767G) skont kif iċċertifikat Dott. Melanie Farrugia M.D. (Med. Reg. 4119) mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex *ai termini tal-Artikolu 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Daniel Mercieca skont kif iċċertifikat Dott. Melanie Farrugia M.D. (Med. Reg. 4119) mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex *ai termini tal-artikolu 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġiegħel annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn ai termini tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm annimali għandu mingħajr ma' kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom ai termini tal-artikolu 8(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' annimali li huwa responsabbli għalihom, jew li jaqbel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benessere tal-annimali ai termini tal-artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[3] u li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[4]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.[5]

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

---

[2] Vide Fol.183
[3] **Dok.AG** a fol.165
[4] Fol.160 u 166
[5] Fol.222

Preliminari

1 Illi qabel xejn irid jingħad illi għalkemm din il-kawża tirrigwarda reati li allegatament seħħew f'Lulju, 2018, l-istess kawża ġiet mismugħa minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti kif preseduta, ġiet miżmuma nhar il-11 ta' Marzu, 2022.

2. Fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2022 il-partijiet eżentaw lil Qorti mill-ħtieġa li terġa tisma l-provi ġa mismugħa.[6] Fost dawn il-provi hemm ir-rapport redatt minn Dr. Jean Paul Grech li ġie konfermat bil-ġurament fl-ewwel seduta, dik tal-11 ta' Marzu, 2022.[7] Għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li dawn il-persuni jerġgħu jitressqu jixhdu quddiem din il-Qorti.

M'hemmx dubbju li l-provi hemm mismugħa u miġbura għandhom **forza probatorja** u dan tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> (5) Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba** l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ikkunsidrat:[8]

> **22.** Din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech** mogħtija fit-28 ta' Frar 2012 fuq eċċezzjoni simili, qalet hekk:
>
> **"8. Din il-Qorti żżid tgħid, pero`, li l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*) li tinnomina espert fi branka ta' ħila jew sengħa speċjali m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti kull meta jkun hemm bżonn (*"... whenever it is expedient ..."* fit-test Ingliż)(artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-*expertise* tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta' diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9)." ....**
>
> **24.** Issa, l-eċċezzjoni ta' inammissibilita` tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Fil-każ odjern in-nomina ta' l-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 – reż applikabbli għall-*in genere* mill-ewwel *proviso* ta' l-imsemmi artikolu 548 – jipprovdi li:

[6] Fol.183
[7] Fol.144
[8] Deċiża 2 ta' Mejju, 2013; Numru 16/2011

"Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi hu desiderabbli li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-inkarigu mogħti lill-esperti rispettivi fid-digriet tan-nomina. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda ekwivoku, peress illi kull wieħed mill-esperti indika fir-relazzjoni tiegħu l-inkarigu speċifiku li kellu. Barra minn hekk, id-difiża jibqagħlha dejjem id-dritt li tikkontrolla dak li jiġi konstatat mill-esperti prodotti billi jekk hekk jidhrilha timpunja l-kompetenza, l-kredibilita` u l-affidabilita` tal-istess esperti u tal-konklużjonijiet tagħhom. Konsegwentement ir-raba' aggravju huwa miċħud.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali daħlet *funditus* fuq il-piż probatorju li għandha tingħata lil xhieda mismugħa quddiem perit legali minflok *viva voce*:[9]

Illi, il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għandha ssewgi dak imfassal fl-artikolu 375 tal-Kodiċi Kriminali abbinat mal-artikolu 374(i) fejn hemm hekk dispost:

**Meta l-azzjoni hija mmexxija mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija Eżekuttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:**
**(a) l-imputat għandu jidher huwa nnifsu. Huwa jista', madankollu, ikun assistit minn avukati jew prokuraturi legali;**
**(b) fil-każ ta' kontravvenzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan għandhom japplikaw fir-rigward tal-imputat;**
**(ċ) l-Avukat Ġenerali jew l-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva li jkun qiegħed imexxi l-prosekuzzjoni u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu għandhom jinstemgħu fl-ordni stabbilita fil-paragrafu (i) tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan;**
**(d) il-qorti tista' teħtieġ li l-akkużi jinqraw mill-Avukat Ġenerali jew mill-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva u li r-rapport jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva;**
**(e) l-imputat jista' jagħmel kontro-eżami lill-imsemmi uffiċjal tal-Pulizija.**

Bl-artikolu 374(i) jistabilixxi l-ordni kif ghandhom jinstemghu l-provi meta hemm hekk dispost:

**Meta jidhru ż-żewġ partijiet, it-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm, fl-ordni li ġej:**
**(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;**
**(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;**
**(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika:**

**Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża;**

Illi, l-liġi għalhekk tistabilixxi illi s-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza originali tagħha għandu jsir fil-qosor u bil-fomm, bl-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi "ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce." Dan ukoll għaliex meta l-Qorti

[9] **Il-Pulizija vs Jaser Ali Mahmoud**; Deċiża 21ta' Ottubru, 2021; Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima. Appell Nru: 99/2021

tiġi biex tagħmel il-ġudizzju aħħari tagħha ssewgi l-linji gwida mfassla fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u dan meta tiġi għall-evalwazzjoni tal-provi.

L-artikolu 376 imbagħad jidderiġi lill-ġudikant dwar il-mod kif ix-xhieda għandha tigi minnu/ha reġistrata:

(1) Il-maġistrat għandu jniżżel jew iġiegħel lir-reġistratur iniżżel-

(a) kull eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti, jew ta' inammissibbiltà jew estinzjoni ta' azzjoni, jew ta' inammissibbiltà ta' prova kif ukoll kull digriet li bih tiġi miċħuda dik il-prova; u
(b) is-sustanza tax-xhieda tax-xhieda, billi titniżżel kull kelma li jkollha importanza diretta fuq il-mertu tal-kawża, meta l-qorti jidhrilha meħtieġ li għandu jsir hekk, jew meta ssir talba għaldaqshekk minn waħda mill-partijiet u l-qorti jidhrilha sewwa li tilqa' dik it-talba.

(2) In-notamenti tax-xhieda, meta jkunu ttieħdu kif jingħad hawn fuq, għandhom jinqraw lix-xhieda quddiem il-partijiet, u ta' dan għandha titniżżel tifkira fl-atti.

(3) In-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma jagħmilx null il-proċediment; dan in-nuqqas lanqas m'hu ta' xkiel illi, jekk ikun jinħtieġ, f'kull waqt jew grad tal-kawża, issir il-prova, bil-mod li tagħti l-liġi, tal-fatti li għalihom jirriferixxu dawk id-dispożizzjonijiet, jew illi jinġiebu mill-ġdid ix-xhieda li jkunu ġa nsemgħu.

Illi, sentenza li tiġi spiss iċċitat mill-qrati meta rinfaċċjati minn każijiet analogi fejn ix-xiehda ma tkunx ġiet mismugħa mill-ġudikant iżda minn xi perit legali delegat sabiex jagħmel ix-xogħol tal-ġudikant, hija dik fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro* mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Settembru 1999, fejn ġie hekk deċiż:

**"L-aggravju tal-appellanti jirriduci ruhhu, bazikament, ghal wiehed ta' apprezzament ta' provi. Pero` f'dan il-każ hemm problema aktar di fondo li din il-Qorti hi tal-fehma li għandha tissolleva ex officio, u cioe` li l-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta' Jannar, 1999 ma semghetx provi izda qaghdet fuq ir-rapport tal-"perit legali" Dott. Beppe Fenech Adami u fuq id-deposizzjonijiet minnu migbura. Fi kliem iehor, hadd mix-xhieda ma ta x-xiehda tiegħu quddiem il-gudikant li ppronunzja s-sentenza fil-21 ta' Jannar ta' din is-sena.**

**"Il-qorti li tat is-sentenza fil-21 ta' Jannar, 1999 kienet qorti ta' prim istanza u mhux qorti ta' appell. Il-procedura quddiem dik il-qorti kellha ssegwi dak indikat fl-Artikoli 374(i) u 375(c) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` li l-kawza titmexxa 'fil-qosor u bil-fomm' ('viva voce' fit-test ingliz) billi jinstema' l-ufficjal prosekutur u l-provi tiegħu; wara jinstema' l-imputat jew l-avukat tiegħu u l-provi tad-difiza; u finalment ikun hemm id-dritt ta' replika u kontro-replika. Din il-procedura necessarjament tfisser li x-xhieda jinstemghu mill-qorti. L-Artikolu 646(1) (tal-imsemmi Kodiċi), li japplika wkoll għall-Qorti tal-Magistrati, jipprovdi li, salv certi eccezzjonijiet li ma humiex relevanti ghal dan il-każ, u salv il-procedura fi stadju ta' appell, 'ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-qorti u viva voce'. L-ewwel qorti, izda, ma ghamlitx hekk; iddelegat is-smigh tax-xhieda lil 'perit legali'. Issa, perit għandu jigi nominat biss meta 'ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali' (Art. 650, Kap. 9). Fil-każ in dizamina l-ewwel qorti, b'digriet tal-15 ta' Marzu, 1996, innominat 'fuq talba tal-partijiet', bħala 'perit legali' lill-Avukat Dott. Beppe Fenech Adami 'bis-soliti fakoltajiet, inkluz li jaghmel [sic!] accessi u jisma' x-xhieda bil-gurament u wara jirrelata bil-miktub lil din il-Qorti' (ara fol. 6 tal- atti).**

**"L-unika hila u sengha li kienet rikjesta mill-perit nominat kienet dik il-hila u sengha li kull gudikant hu prezunt li għandu, u cioe` li jisma' l-provi, jaghmel il-valutazzjoni tiegħu skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodiċi Kriminali, u japplika l-ligi għall-fatti kif jirrisultawlu. Għalhekk f'dan il-każ certament ma kienx hemm lok ghan-nomina ta' 'perit' biex jaghmel dak li l-ligi trid li jaghmel il-gudikant personalment. Dak li l-legislatur ma riedx li jsir mill-magistrat inkwirenti fil-kors tal-inkjesta dwar l-in genere - ara t-tielet proviso tal-Art. 548 tal-Kap. 9 - multo magis ma jistax isir mill-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Hawnhekk m'ahniex fil-kamp civili fejn il-partijiet jistghu, sa certu punt, jaqblu fuq il-procedura li għandha tigi segwita. Konsegwentement din il-Qorti ser tinjora wkoll il-verbal, registrat quddiemha fl-udjenza tal-1 ta' Gunju, 1999, fejn il-partijiet qablu li din il-Qorti għandha 'timxi fuq l-atti inkluzi r-relazzjoni ta' Dr. B. Fenech Adami'. In-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita`, sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza għandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita` tas-sentenza, huma sollevabbli ex officio minn din il-Qorti. Biex ma tipprivax lill-appellanti mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-gdid fil-meritu, izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti."**

Illi, il-Qorti ma tistax, madanakollu, taqbel ma' din l-interpretazzjoni stretta tal-liġi, iktar u iktar meta <u>llum il-qrati qed jieħdu l-linja li fejn jista' jkun l-atti jiġu sanati u dan sabiex jiġi evitat ħafna xogħol żejjed u ħela ta' ħin bil-proċeduri jitwalu inutilment</u>.[10] Illi l-artikolu 650(5) tal-Kodiċi Kriminali jistipola illi –

"Il-qorti, **<u>kull meta jkun hemm bżonn</u>**, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati, sew bħala qorti ta' ġudikatura kriminali sew bħala qorti istruttorja, tista' wkoll tagħti s-setgħa lill-periti, jekk ikunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan, il-qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti hekk prodotti jew terġa' teżamina x-xhieda hekk mismugħa, sakemm il-qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan. Meta jkunu ġew nominati aktar minn perit wieħed, il-qorti għandha tindika liema perit ikollu s-setgħa li jagħti l-ġurament."

Illi, dan ifisser illi ġaldarba l-Magistrat dehrlu, fid-diskrezzjoni tiegħu, li kien jenħtieġ il-ħatra ta' espert sabiex jassistieh fil-każ taħt il-lenti tiegħu, allura x-xiehda kollha miġbura mill-espert għandha tiswa għall-fini tal-proċeduri mingħajr il-bżonn li l-Magistrat jerġa' jisma' hu x-xhieda mill-ġdid, u dan ġaldarba ebda wieħed mill-partijiet ma jkunu qanqlu xi oġġezzjoni f'dan is-sens jew inkella ma jkunu talbu li l-Maġistrat jisma' xi xhieda hu, jew li jsir il-kontro-eżami quddiemu ta' xi xiehda partikolari. Fuq kollox kif jiddisponi l-artikolu 376(3) tal-Kodiċi Kriminali, in-nuqqas ta' osservanza mill-Maġistrat li jirreġistra di proprio pugno ix-xiehda tax-xhieda ma twassalx għan-nullita' tal-proċediment u allura wisq anqas għandu iwassal għal xi nullita' il-fatt illi dik ix-xiehda tkun ġiet irreġistrata mill-perit legali delegat mill-Maġistrat stess biex jisma' dawk il-provi u jagħtih il-fehma tiegħu fuq il-każ, iktar u iktar meta ebda wieħed mill-partijiet ma qajjmu oġġezzjoni għaldaqstant. Mhux biss, iżda jiżdied jingħad illi f'din il-kawża l-Ewwel Qorti, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021, ikkonċediet lill-partijiet terminu ta' ħmistax-il jum sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet, u dan wara li l-perit legali kienet ippreżentat r-relazzjoni tagħha, iżda l-Prosekuzzjoni, mogħtija allura l-aħħar okkażżjoni sabiex tissolleva n-nullita' tal-

[10] Sottolinejar ta' din il-Qorti

proċeduri, minnha issa lamentata, ma ressqet ebda sottomissjoni u baqgħet siekta, u kienet biss il-parti leża li ressqet is-sottomissjonijiet tagħha fejn anke hawnhekk ebda nullita' ma ġiet ventilata.

Illi fil-fatt din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fis-sentenza Il-Pulizija vs John Magro u Alfrida Magro[11] taddotta din il-linja ta' ħsieb meta ġie hekk deċiż:.

**"8. Għalkemm l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li x-xhieda għandhom jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce l-artikolu 650 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja bil-periti jinħatru mill-Qorti. Inoltre, is-subartikolu (5) tal-istess artikolu 650 jipprovdi wkoll, inter alia, li l-Qorti tal-Maġistrati, kemm bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali kif ukoll bħala Qorti istruttorja, tista' tagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan il-Qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti prodotti jew terġa teżamina x-xhieda mismugħa sakemm il-Qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.**

**9. Dan huwa preċiżament dak li ġara f'dan il-każ u l-imputati fl-ewwel istanza fl-ebda stadju ma għamlu xi talba sabiex il-Qorti terġa teżamina x-xhieda li nstemgħu mill-perit nominat mill-Qorti.**

**10. Fl-appell tagħhom l-imputati jilmentaw li dan il-każ kien wieħed sempliċi li ma kien jirrikjedi l-ebda każ ta' xi ħila jew sengħa speċjali u jirrileva li t-tielet proviso tal-artikolu 548(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 645 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap 12), it-tnejn jipprojbixxu l-ħatra ta' esperti unikament sabiex jisimgħu xhieda bil-ġurament u jistabilixxu l-fatti relevanti u dan, skont l-appellanti, juri kemm tali perizji qatt ma kienu għall-qalb il-proċedura fil-Qrati Maltin. Il-fatt jibqa', iżda, li l-artikolu 548 jirrigwarda l-proċeduri ta' in genere, li mhux il-każ hawn, waqt li l-artikolu 645 tal-Kap 12 ma ġiex reż applikabbli għall-qrati ta' ġustizzja kriminali.**

**11. Barra minn hekk mill-atti jirriżulta li meta l-ewwel Qorti nnominat il-perit fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2015 fil-preżenza tad-difensur tal-imputati dawn ma qajmu ebda eċċezzjoni għal dik il-ħatra u qatt ma qajmu ebda oġġezzjoni f'xi stadju wara tal-proċediment anqas wara li l-perit ippreżenta r-rapport tiegħu bil-ġurament. Anqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-rapport peritali u li ppreżentaw quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Awwissu 2016 l-imputati ma qajjmu ebda eċċezzjoni jew oġġezzjoni jew minimament ikkritikaw il-ħatra tal-perit u llimitaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-mertu tal-konklużjonijiet peritali. L-imputati ma jistgħux issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri iqajjmu eċċezzjonijiet quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni li qatt ma ssollevaw fl-ewwel istanza.[12]"**

Esposti dawn il-prinċipji ta' dritt u tagħlim ġurisprudenzjali, għalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mal-aggravju mqanqal mill-Avukat Ġenerali li qed jiġi miċħud. Illi dan magħdud il-Qorti tidderigi lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex kemm jista' jkun tara li x-xhieda tinstema' quddiemha fil-Qorti viva

[11] App. Inf. 522/2016 fis-7 t'April 2017

[12] Ara wkoll f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Mary Rose Vella** et tal-24 ta' Mejju, 2019 (App Krim 507/2017) u **Il-Pulizija vs Dennis Vella** App.nru. 16/2019 Deċiza 20/09/2019

voce, u għalhekk sakemm ma jkunx hemm xi ħtieġa partikolari għall-każ li jkun taħt il-lenti tagħha, ma jiġux maħtura esperti inutilment bi spejjeż ulterjuri u bil-kawża titwal bla bżonn.

Għaldaqstant m'hemmx dubbju li x-xhieda mogħtija quddiem Dr. Jean Paul Grech għandha forza probatorja. *Multo magis* meta l-partijiet eżentaw lil din il-Qorti mis-smigħ mill-ġdid ta' dawk il-provi magħdud mal-fatt li kien hemm qbil bejn il-partijiet li x-xhieda tinġabar mill-espert legali.[13] Għal kull buon fini għandu wkoll jiġi sottolinejat li meta l-prosekuzzjoni preżentat akkużi ġodda quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, anke dakinhar Dr. Jean Paul Grech informa lill-qorti li l-partijiet kienu eżentawh *"milli jisma x-xiehda kollha li diġà xehdu f'dan il-każ."*[14]

3. L-abbli difiża ssollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Issa l-imputat hu akkużat b'reati li jaqgħu taħt żewġ kategoriji: Offiżi involontarji fuq il-persuna (3 kapijiet) u reati kontra t-trattament xieraq tal-annimali (3 kapijiet).

A. L-Ewwel Tlett Imputazzjonijiet: Offiżi Involontarji fuq il-Persuna.

L-artikolu 226(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi**:**

> **226.** (1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –
>
> *(a)* jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75);
>
> *(b)* jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);
>
> (*ċ*) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravenzjonijiet.

Imbagħad il-preskrizzjoni hi kif jingħad fl-artikolu 688 tal-Kodiċi:

> **688.** Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni - ….
>
> *(c)* bl-egħluq ta' **ħames snin** għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;

[13] Fol.183
[14] Fol.29. Verbal tat-8 ta' Novembru, 2019

> (*e*) bl-egħluq ta' **sentejn** għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravenzjonijiet;

Jirriżulta li l-imputat Micallef ġie notifikat bir-reati ta' offiżi involontarji nhar it-23 ta' Jannar, 2019,[15] filwaqt li l-imputazzjonijiet numru 4 sa 6 ġew notifikati lill-imputat nhar it-18 t'Ottubru, 2019.[16] Għalhekk l-ewwel darba li Micallef ġie notifikat bir-reati kontemplati bl-artikolu 226 tal-Kodiċi Kriminali kien Jannar, 2019 u ċioe' anqas minn sitt xhur minn meta seħħ is-sinistru. Dan ifisser li l-ebda mill-imputazzjonijiet numru wieħed sa tlieta ma huma preskritti.

Hu minnu li l-imputazzjonijiet reġgħu ġew notifikati mill-ġdid lill-imputat ħmistax il-xahar wara s-sinistru meta żdiedu l-imputazzjonijiet dwar moħqrija tal-annimali, iżda anke hawn, filwaqt li ma kinitx iddekorriet il-preskrizzjoni, xorta jsib applikazzjoni l-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi, in kwantu għall-ewwel tlett imputazzjonijiet:

> (2) Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.

Dwar ir-reati adebitati li jikkontempla l-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena hi dik ta' multa (li tvarja bejn €2,000-€65,000), u/jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet (3) snin. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 688(d) ċitat aktar 'il fuq, it-terminu ta' preskrizzjoni hu dak ta' ħames snin u b'hekk lanqas dawk l-imputazzjonijiet ma huma preskritti.

Ikkunsidrat:

Il-Provi

I. Rigward l-ewwel tlett imputazzjonijiet, Ġrieħi Involontarji.

*(a) Mariano Azzopardi*

Quddiem il-Qorti diversament preseduta xehdet **Dr. Marlene Attard** li esebiet iċ-ċertifikat mediku rigward Mariano Azzopardi.[17] Dr. Attard tikklassifika l-ġrieħi li sofra Azzopardi bħala gravi *"Kien qed jikkomplainja b'uġigħ kbir fir-right hip, left chest wall u right abdomen. On examination kien hemm superficial laceration fir-right hand with laceration of the right elbow. Kien tender fuq il-left chest wall u anke kien hemm tenderness fuq in-naħa tar-right abdominal wall, plus li kien hemm*

[15] **Dok.KS** a fol.146
[16] **Dok.KS1** a fol.149. Vide ukoll fol.71
[17] **Dok.MA1** a fol.20

*anke* ***fracture tar-right femoral****. Ħadnielu CT Thorax Abdo and Pelvis li ġie ordnat mill-BST li kienet fuq is-surgery u kien qed juri li kien anke* ***numerthorax*** *[recte pneumothorax]* ***with fracture of the 8th rib.*** *Però with no injury to internal organs. Ovvjament daħlu fih il-każ Mr. Skodacek l-ortophaedic surgeon u anke fuq in-naħa tan-numerthorax ukoll kien hemm ukoll il-BST......In-natura* ***grievious, grievious.*** *....I mean daħal l-isptar ovvjament. Kellu jiġi operat."*[18]

Tmien xhur wara l-akkadut, quddiem il-Perit Legali Azzopardi jixhed li *"Kisirli (3) kustilji, il-pulmun, ghamilt erba xhur bil-pajp tal-awrina, ghamilli hamsa u tletin punt f'koxxti peress li kellhi bżonn hip replacement. Ghamilt żmien is-CCU. Per konsegwneza tal-incident, nghid li illum iird niehu l-pilloli minhabba l-awrina,* ***it-tarag ma niflahx nitilghu, irrid nieqaf nistrieh u nokrob bl-ugieh****."*[19]

Ma' dan jiżdied dak mgħallem bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi:**[20]

> Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u għalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-każ ta' guri, għalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imħallef sedenti). Ma hix, għalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet ġiet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fi-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.

F'sentenza aktar riċenti l-Qorti tal-Appell Kriminali reġgħet fissret li l-klassifikazzjoni tal-ġrieħi tibqa deċiżjoni li tispetta l-ġudikant:[21]

> What the First Court considered is that it was still possible to prove bodily harm without reference to a medical certificate and sustained its reasoning on the strength of a judgement of this court in 'Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi' of the 30th July 2014 where the Court of Criminal Appeal held that the Court can still find guilt of the offence of bodily harm without a medical certificate. In the case 'Il-Pulizija vs George Stephen Zahra' decided by Mr Justice De Gaetano on the 18th June 2001 (Court of Criminal Appeal) it was held that:
>
> *'Mill-banda l-oħra mhux korrett dak li donnu qed jippretendi l-appellant, u cioe' li mingħajr ċertifikati mediċi ma tistax tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li tkun saret offiża fuq il-persuna. Kif din il-Qorti kellha okkażjoni tosserva diversi drabi, tali ċertifikati jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi determinat jekk l-offiża hix waħda gravi jew gravissima, jew addirutura jekk hemmx offiża (ħafifa, gravi jew gravissima); pero' dawn iċ-ċertifikati m'humiex f'kull każ assolutament meħtieġa: il-*

[18] Fol.18

[19] Fol.55

[20] Per Onor. Imħallef Vincent Degaetano; Deċiża 30 ta' Lulju, 2004; Appell No. 193/2003

[21] **The Police Vs Carillo Montoro Eliseo**; Per Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti; Deċiża 29 ta' Marzu, 2021; Appell Nru.184/2018

*prova tal-offiża u tan-natura ta' tali offiża tista', f'ċerti każijiet, issir anke permezz tad-depożizzjoni jew depożizzjonijiet ta' persuni li mhux tobba jew paramediċi.'*

Fid-dawl tal-provi miġbura, il-Qorti tqis li bħala konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab kawża tas-sinistru Azzopardi għadu jbati minn debbulizza fil-funzjoni u għamla tal-ġisem (l-estremita' inferjuri tal-lemin) kif ukoll difett permanenti fis-saħħa tiegħu u għalhekk l-għemil tal-imputat jinkwadra taħt l-artikolu **226(1)(a) u 226(1)(b)** tal-Kodiċi Kriminali.

*(b) Daniel Mercieca*

Fl-atti ġew esebiti wkoll ċertifikati maħruġa minn Dr. Melanie Farrugia rigward Daniel Mercieca u Joseph Grech[22], liema ċertifikati ġew ikkonfermati bl-affidavit tal-istess tabiba.[23]

Għalhekk isib applikazzjoni l-artikolu 646, artikolu li jaqa taħt is-sub-titolu I, Titolu I tat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali *'Fuq Ħwejjeġ li Jgħoddu Għall-Kawżi Kriminali Kollha'* fejn fih jingħad:

> **646.** (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu,ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce*......
>
> (7) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ċertifikat li jkun jidher li ġie maħruġ minn tabib reġistrat jew kirurgu dentali reġistrat dwar l-eżami tiegħu ta' xi persuna, sew jekk ħajja jew mejta, jew dwar xi offiża fuq il-persuna li xi ħadd isofri jew dwar xi marda fiżika jew tal-moħħ li xi ħadd ikollu, jista' jinġieb bħala prova u, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, għandu jkun prova tal-kontenut tiegħu, basta li ċ-ċertifikat ikollu t-timbru li jinqara ċar tat-tabib jew kirurgu dentali li joħroġ dak iċċertifikat li jkun juri ismu, il-kwalifiki professjonali tiegħu, li speċjalizzazzjoni tiegħu u l-indirizz tiegħu u basta dak iċ-ċertifikat ikun konfermat b'affidavit mit-tabib jew mill-kirurgu dentali, skont il-każ: iżda wkoll, il-parti l-waħda u l-oħra jistgħu jġibu lill-imsemmi tabib jew lill-imsemmi kirurgu dentali, skont il-każ, biex jiġi eżaminat fil-qorti u *viva voce*, u l-qorti tista' wkoll *ex officio* tordna dak l-eżami.

Il-ġrieħi ta' Mercieca ġew ċertifikati bħala **ħfief.** [24] Mercieca jispjega *"In-nies bdew jghajjtu li kien gej żiemel. Fi xhin dort rajt iz-ziemel quddiem wiċċi, refghani. Is-serkin qabad mal-qalziet tieghi u kaxkarni ghall-hajt tal-iskola....Tellaghli n-nerf fuq l-ghadma ta' rkobbtu (sic). Domt gimgha l-ispatar u hrigt wara gimgha bil-krozzi. Domt xi xahar bil-krozzi jew aktar."*[25]

---

[22] Fol.5
[23] Fol.4-6
[24] Fol.6
[25] Fol.57

*(c) Joseph Grech*

Minn eżami li sar fuq Joseph Grech il-ġrieħi ġew ċertifikati bħala gravi tenut kont li Grech ġarrab *"laceration over the forehead"*.[26]

Kif ġa ingħad aktar 'il fuq, l-artikolu 688(e) tal-Kodiċi jipprefiġġi terminu ta' preskrizzjoni ta' żmien sentejn għal dawk ir-reati li bħall-artikolu 226(1)(c) jissanzjonaw għemil b'<u>piena stabbilita għall-kontravenzjoni</u> u għalhekk fejn l-għemil **ma jiġix ekwiparat ma' kontravenzjoni**, f'liema każ allura kienet issib akkoljiment l-eċċezzjoni sollevata mill-abbli difensur tal-preskrizzjoni trimestrali.

Filwaqt li terġa ssir referenza għad-deċiżjoni fuq ċitata,[27] il-Qorti tal-Appell diversament preseduta għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Bernard Briffa u Stephen Catania[28]**

> ….. mhux kull lacerazzjoni fil-wiċċ tista` titqies bħala tali li twassal ghal fregju. Lanqas ma nistghu nghidu li kull marka fil-wiċċ hija sfregju…..
>
> Illi l-appellanti iressaq lanjanza ohra sussidjarja ghal dik marbuta mal-apprezzament tal-provi meta jilmenta illi ma hemmx prova illi l-ġrieħi sofferti mill-parti leza kienu ġrieħi gravi fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(b) billi ma giex ippruvat illi l-lacerazzjoni li soffrew f'wicchom hallielhom marka permanenti. Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid ix-xhieda tat-tobba u konsulenti li kienu involuti fil-kura li ircevew iz-zghazagh taljani wara l-agressjoni subita minnhom. Fost id-diversi ġrieħi li sofrew jidher illi kien hemm lacerazzjonijiet fil-wiċċ li kien jenhtiegilhom il-punti. Issa l-appellanti jikkontendi illi ma hemmx provi fl-atti li jindika illi il-lacerazzjonijiet subiti hallew xi marka permanenti fil-wiċċ konsistenti fi sfregju biex b'hekk qed ifixkel dak li huwa sfregju fil-wiċċ mal-mankament fil-wiċċ u ukoll il-klassifikazzjoni tal-gravita tal-ferita subita. Dan għaliex "***l-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wiċċ (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skond l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali.***[29]" Fuq kollox l-"***sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wiċċ. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin[30].***" Inghad ukoll illi "***Jekk l-isfregju jkunx semplici jew gravi u***

[26] Fol.5. Vide ukoll **Dok.MF** a fol.184

[27] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi;** Per Onor. Imħallef Vincent Degaetano; Deċ. 30 ta' Lulju, 2004; Appell Nru. 193/2003

[28] Qorti tal-Appell Kriminali. Per Onor. Imħallef Edwina Grima , 31/05/2017; Appell Nru. 195/2016

[29] **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** – App. Inf 05/02/1998

[30] **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** – App.Inf. 12/09/1996

***permanenti hija kwistjoni ta' gradazzjoni; imma l-isfregju jkun hemm dejjem, jekk ikun hemm dik ic-cikatrici[31]."***

Dik l-istess Qorti, diversament preseduta, għamlet eżami *funditus* dwar in-natura ta' offiżi gravi ai termini tal-artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminal fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvinu Vella**:[32]

> 17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wiċċ, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu mqanqal mill-imputat meta jgħid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza ghal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jgħid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands – <u>the most conspicuous parts of the human body</u>...*" (Sottolinear tal-Qorti);
>
> 18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wiċċ, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodiċi Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, <u>fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).</u>
>
> 22. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:
>
> **B'mankament ... fil-wiċċ, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik il-hija s-sbuhija tal-wiċċ. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Għalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, iżda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wiċċ fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wiċċ.**
>
> 19. Naturalment dak li intqal dwar il-wiċċ huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u għall-idejn. Għalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wiċċ u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk għaliex il-legislatur

[31] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** – App.Inf. 15/02/1958

[32] Per Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D; Appell Nru. 496/2015. Deċiża 30 ta' Settembru 2019

donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u għaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wiċċ, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi ohra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

**Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isregju ('disfigurement') fil-wiċċ (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-każ tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment…"**

21. Fi kliem iehor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wiċċ, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. <u>F'każ ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima</u>. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wiċċ, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti ohra tal-gisem, l-offiza hija wahda hafifa. Għalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab htija ta' offiza gravi qed tinsab htija ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2).

Għalhekk kien neċessarju, issa li għaddew kważi erba snin mill-akkadut, li jiġi determinat jekk dawn il-ġrieħi jinkwadrawx biss taħt l-artikolu 216 jew anke taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali. Konsegwentement inħatar l-espert mediku forensiku Dr. Mario Scerri biex jiddetermina dan il-fatt.

Jibqa' sinifikanti l-fatt li fil-kors ta' dawn il-proċeduri ma nġabet <u>ebda prova</u> dwar il-ġreħi mġarrba fi snienu kif jallega Grech. Meta tkellem ma' PS1407 Frank Portelli, l-għada tas-sinistru, Joe Grech stqarr *"tefani ghal isfel u kissirlu is-snien"*.[33] Quddiem il-Perit Legali Grech kien xehed li *"Iz-ziemel taghni daqqa, tajjarni u tefghani isfel. X'hin waqajt isfel l-ewwel daqqa hadtha fi spallti tax-xellug, hbatt rasi fin-nofs u s-snien....Minn mohhi hareg kwantità ta' demm. ....Ksur ma*

[33] Fol.153

*kellix."*[34] Madanakollu ċ-ċertifikat maħruġ dwaru lanqas riferenza waħda li hi waħda ma jagħmel għal snien jew għall-ħalq.[35] Ritratti ma nġabux biex juru xi ġrieħi sofra jew x'interventi, konsegwenza tal-inċident, kien jinħtieġlu. Mill-*medical file* ma jirrizultax li kien hemm xi frattura fi snienu![36] **Dr. Mario Scerri** li anke eżamina l-*medical file* ta' Grech li ġie mgħoddi lilu kif jikkonferma **Dr. Michael Refalo** jispjega:[37]

*"....eżaminajt lil Joseph Grech nhar is-sebgħa (7) ta' April elfejn u tnejn u għoxrin (2022), il-konklużjonijiet huma illi dan allega illi nhar is-sebgħa (7) ta' April elfejn u tnejn u għoxrin (2022) waqt li kien qiegħed ir-Rabat, Għawdex fi Triq ir-Repubblika ntlaqat minn żiemel u kellu jittieħed l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Dan inżamm lejl, inżamm ġurnata għal neuro charting. Riżultat ta' dan l-allegat inċident Grech wera leżjoni fuq in-naħa tal-lemin tal-moħħ. Din il-leżjoni li kienet tikkonsisti f'ċikatriċi insinifikanti, riżulta ta' blunt trauma, u din ma tidhirx from within talking distance. Dan allega illi riżultat ta' dan l-inċident dan kellu fratturi fi snienu iżda l-esponent ma sab l-ebda entry f'dan is-sens l-Isptar Ġenerali dwar dan meta ddaħħal l-isptar ta' Għawdex, u ġie eżaminat u miżmum. Ħadd ma għamel riferenza għalihom dawn. Fil-fatt għandi dokument attaċċjat id-discharge letter tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn m'hemm l- ebda riferenza għall-fratturi tas-snien. Meta ddaħħal l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex Grech ilmenta minn uġigħ fl-ispalla l-leminija u tteħdulu l-x-rays u kienu normali – ara dokument MS1. Meta ġie eżaminat minni, dan infurmani illi kellu uġigħ u ma setax iċaqlaq l-ispalla x-xellugija; ix-xellugija qatt ma kienet imsemmija waqt l-allegat inċident meta kien l-isptar. Fil-fatt l- esponent sar jaf illi nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju two thousand nineteen (2019) u cioé ħdax-il xahar wara l-allegat inċident ittieħidlu ultrasound tal-ispalla x- xellugija, din li ġie jilmenta għandi biha, li irriżultat fin-normali ħlief li kellu minor acroclavicular joint degeneration li hija xi ħaġa komuni f'età avvanzata. L-acroclavicular joint regeneration jista' jkun riżultat ta' proċess naturali fil-ġogi bl-età. Illi l-esponent ra ċertifikat rilaxxat mit-tabiba Eileen Borg, dermatoloġista, immarkat dokument MS2, ra ukoll kont mibgħut mid- dentista Romina Grech li wkoll ma kinitx iddatata u mingħajr l-ebda evidenza radjoloġika, dokument MS3. L-esponent ra ukoll ċertifikat rilaxxat mit-tabib Michael Refalo datat tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu two thousand eighteen (2018) li jirreferi għall-uġigħ fl-ispalla x-xellugija – ix-xellugija – l-isptar meta daħal l-isptar fuq il-lemin qalilhom. [Il-Qorti:Jiġifieri issa qed jilmenta fuq ix-xellug, mhux fuq il-lemin.] Eħe, qatt ma ilmenta fuq ix-xellug meta ddaħħal l-isptar – fuq il-lemin – u fuq il-lemin instab li ma kellu xejn. Fuq ix-xellug instab li kellu xhur wara imma normal acroclavicular joint degeneration, xi ħaġa illi hija komuni fl-età u li ttik uġigħ, jiġifieri din ma kinitx relatata ma' trauma u lili ġie jgħidli illi riżultat ta' trauma. [Il-Qorti: jiġifieri lilek qallek li riżultat ta'*

[34] Fol.59
[35] Fol.5
[36] Fol.188
[37] Fol.211

*trauma ukoll.] Iva. Fil-fatt meta ddaħħal l-isptar, a tempo vergine, qatt u fl-ebda ħin ma ilmenta minn uġigħ fl-ispalla x-xellugija; il-leminja dejjem semma"*.[38]

Għaldaqstant erba' (4) snin wara l-akkadut, l-espert mediku jiddeskrivi l-leżjoni li Grech għadu jġorr fuq in-naħa tal-lemin tal-moħħ bħala *"cikatrici insinifikanti, rizultatat ta' blunt trauma, u din ma tidhirx from within talking distance"*. B'hekk kif tgħallimna l-ġurisprudenza appena enunċjata, il-laċerazzjoni li fiż-żmien immedjat wara s-sinistru kienet indubbjament jammonta għal sfreġju, illum ma tirriżulta ebda permanenza li tista' tikklassifika l-konsegwenza ta' dik iċ-ċikatriċi bħala waħda ta' natura gravissima u ċioe' waħda li tinkwadra taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali.

Fuq dawn il-provi l-Qorti ssib li l-ġrieħi li sofra Grech, il-laċerazzjoni fuq il-moħħ, jikklassifikaw taħt l-artikolu 216(1)(b) u konsegwentement japplika l-artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Imiss issa jiġi kunsidrat jekk dawn il-ġrieħi ġewx kaġunati b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni ta' Dylan Micallef, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti da parti tiegħu fejn.

**Ikkunsidrat:**

L-allegazzjoni hi li kien l-għemil krudili tal-imputat li wassal sabiex jisfratta ż-żiemel tiegħu u b'hekk seħħet din il-frattarija kollha kawża tas-swat li xhieda jaħilfu rawh jagħti liż-żiemel bi frostin.

**John Cefai** kien il-persuna inkarigat mir-reġistrazzjoni taż-żwiemel għat-tiġrija u b'hekk kien hu li wassal sabiex l-imputat jiġi identifikat mill-pulizija: *"Jiena z-ziemel gharaftu u għalhekk wasalt ghal min kitbu. Jien mobile number kelli...lill-pulizija tajthom biss mobile number"*.[39]

Quddiem il-Perit Legali Dr. Grech **PS715 Lucian Gatt** jixhed[40] li kienet xi ġimgħa wara l-inċident li hu ħa l-verżjoni tal-imputat fejn Micallef stqarr: *"Dakinhar jiena flimkien ma ċertu Nathan Borg...konna biz-ziemel fuq is-start line u f'hin minnhom żiemel ihor mess iz-ziemel tieghi bis-serkin bil-konsegwenza li dan naffar u telaq jiġri. Ahna ipprovajna inzommuh kif stajna u fil-fatt bqajna nitkaxkru mieghu ghal diversi metri sakemm irhejnieh ghax kien kollu ghalxejn"*.[41] Evidenza ċara li Dylan Micallef kien maż-żiemel u mhux minnu li kien in-naħa ta' fuq mal-*finishing line* kif tikkontendi l-abbli difiża fit-trattazzjoni orali minn tagħha.

[38] Fol.185-186.
[39] Fol.117
[40] Fol.132
[41] Fol.14-15

Tajjeb jiġi osservat ukoll li anke fil-bidu ta' dawn il-proċeduri u ċioe meta l-istess kawża kienet qed titmexxa bħala waħda tad-distrett, kien diġà ġie esibit l-affidavit tas-Surġent Gatt.[42] Għaldaqstant terġa issir riferenza għal-verbal tal-partijiet magħmul nhar is-17 ta' Mejju, 2022 meta l-Qorti ġiet eżentata milli tisma l-provi mill-ġdid. Qabel ma tkellem mal-imputat Gatt jiddikjara li kien għarraf lill-imputat bid-drittijiet legali tiegħu kollha ***"inkluż id-dritt li jkellem lill-Avukat tiegħu qabel ikellem lili. Dan għaliex ridt neħodlu l-verżjoni tiegħu tal-inċident. Hu kien qalli ma riedx avukat u kien tani l-verżjoni".*** Din il-verżjoni ingħatat fuq it-telefon.[43] Jingħad ukoll li <u>ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni</u> dwar din it-testimonjanza tul il-proċeduri w għalhekk ma hemm l-ebda ostakolu li jwassal lil Qorti li għandha għal x'hiex tiskartaha. Għall-kuntrarju din id-dikjarazzjoni tgawdi minn **forza probatorja sħiħa**!

L-**Ispettur Bernard Spiteri** jixhed li l-*starting line* tat-tiġrija kien quddiem il-McDonalds.[44] Reuben Said ukoll jikkonferma li *"it-tiġrija kient tibda minn fejn il-parking tal-Arkadia".*[45]

**Mariano Azzopardi** jixhed kif meta kienu xi 10.30-10.45pm kien qed jara t-tiġrija ma ħabib tiegħu faċċata tal-iskola tar-Rabat: *"Nara żiemel* ***tnejn izommuh u wiehed jaghtih bil-<u>frostin</u> minn fuq wara****. Smajt in-nies jgħajjtu, iż-żiemel irvilla w ħarab. Iz-ziemel ma kienx qed jara ghaxra minn mija, fis-sens li* ***liz-ziemel kienet qeghdin isawtuh fil-parti privata tiegħu u kien imdahhan****. Iz-ziemel harrab u n-nies ma ikkalkulahomx. Kont lucky ghaliex is-serkin wehillu ma tabella u lili tefghani mal-hajt....Iz-ziemel immarka lili u faqghani mal-hajt billi baqa diehel fuqi....<u>Sid iż-żiemel qisu ma gara xejn ghaliex qabad iż-żiemel u telaq 'l hemm</u>."*[46] Ikompli jispjega li ż-żiemel kien fejn il-*petrol station* fil-kantuniera li aktar 'il quddiem jirriżulta hi dik ta' Azzopardi u sfratta minn hemm. **Ix-xhud ma għandux dubbji *"kien hemm tnejn li qed iżommu x-ziemel u iehor li kienet qieghed issawtu. ....*** *kien hemm tnejn qeghdin izommuh"*. Hu kien fuq bankina wiesa fejn il-l*ights* 'il fuq lejn Villa Rundle, qrib il-ħajt fuq l-istess naħa tal-parkeġġ tal-McDonalds, fejn hemm l-istatwa ta' Ninu Cremona. Faċċata tiegħu hemm il-ħwienet tal-Gozo Prime u 202 Jewellers. Nies kien hemm iżda ma kienx hemm xi rassa.[47] Jinsisti li ż-żiemel kien ħdejn il-*petrol station* fejn żwiemel oħra kienu qed jiġu preparati u jiddeskrivi kif *"Dan iż-żiemel kellu tlieta minn nies mieghu. Ma kellu l-hadd fuq is-serkin. Tnejn izommuh fuq quddiem* ***u iehor issawtu fuq wara fil-parti tiegħu****...* ***Iz-ziemel telaq jiġri minn fejn il-petrol station qisu hareg minn go kanun. .... X'hin***

[42] **Dok.C** a fol.16-17
[43] Fol.132
[44] Fol.66
[45] Fol.73
[46] Fol.55
[47] Fol.56

***rajtu z-ziemel kien irvillat****... Iż-żiemel* ***rajtu l-ewwel darba x'ħin kienu qeghdin isawtuh****. Iz-ziemel kien diġà irvillat x'hin innutajtu".*[48]

Riprodott jispeċifika li ***"l-imputat għaraftu bħala l-persuna li kien qiegħed isawwat iż-żiemel fil-partijiet privati tiegħu*** *u kien hemm tnejn ohra iżommu liz-ziemel."*. Juri kemm verament kellu viżwali ċara ta' dawn it-tliet irġiel meta jkompli *"Wiehed minn dawk li kienu qed iżommu z-ziemel kien twil. L-iehor kien qasir u daqxejn qawi. Kellhom ghoxrin jew tnejn u ghoxrin sena t-tnejn li huma. Nuccali ma kellhomx.* ***L-imputat biss kellu nuċċali".*** Hu minnu li l-imputat jilbes nuċċali tal-vista.

*Trattament mhux Xieraq fuq l-Annimali*

M'hemmx dubbju li swat bi frostin, aktar u aktar qabel ma kienet għada lanqas biss bdiet it-tiġrija jammonta għall-krudelta' mill-aktar vili u viljakka kontra annimal li saħansitra ma setgħax jimmanuvra għaliex kien qed jinżamm minn żewġ persuni oħra li jirriżulta mill-provi kienu l-ġerrej u ibnu! Hu għal kollox irrelevanti fuq liema parti taż-żiemel kien qed isir is-swat. **Żiemel m'għandux jissawwat** ***full stop***! Ma jistax jingħad li kienet bdiet it-tiġrija u dak li kien qed jagħmel l-imputat kien xi forma ta' *spurring on* taż-żiemel biex jiġri iżjed. Xejn minn dan.

*Viżwali Perfetta ta' dak li kien qed iseħħ ħdejn Azzopardi Petrol Station*

Il-Qorti hi familjari sew mat-triq fejn kienet qed iseħħ it-tiġrija. Bħal kull min hu midħla taż-żona ma hemmx lok għal dubbji li minn fejn kien wieqaf Azzopardi kellu viżjoni perfetta ta' dak li qed jiġri ħdejn Azzopardi Petrol Station, li mhix aktar minn ftit passi 'l bogħod fuq in-naħa opposta fejn kien qed isegwi it-tiġrija. Għalkemm kien bil-lejl diversi huma dawk li jixhdu kif it-triq kienet mdawwla sew, apparti għall-fatt li kif anke jixhed ir-ritratt Dok.MA3[49] ħdejn il-pompa fejn kienu ż-żwiemel hemm arblu tad-dawl.

**Josianne Buttigieg** tixhed *"It-triq kienet mixghula. Kien hemm aktar dawl minn dak tat-triq normali ghaliex kien qisu bin-nhar bid-dawl li kien hemm"*[50] Minn naħa tagħha **Manwela Cassar** tikkorrobora dak li xehed Mariano Azzopardi meta jgħid li għalkemm kien hemm in-nies rassa ma kienx hemm kif ukoll li ż-żwiemel tfaċċaw minn fejn il-pompa.[51] **Eucharist Grech** jixhed: *"Bhala dawl kien hemm l-spot lights. Kienu mdendlin....tul it-triq kollha"*.[52]

[48] Fol.57
[49] Fol.139
[50] Fol.92
[51] Fol.94
[52] Fol.64

Riprodott u muri ritratti ta' Azzopardi Petrol Station[53] Mariano Azzopardi jgħid li l-*area* mhux jagħrafha. Għalkemm l-abbli difensur preċedenti tal-imputat tipprova timmina l-kredibbilta' tax-xhud bil-fatt li mhux jagħraf il-post, ma għandux jintesa li numerużi huma x-xhieda li jindikaw li dan hu proprju l-post fi Triq Fortunato Mizzi, faċċata tal-bini tal-Liceo, fejn kienet qed issir it-tiġrija. Il-fatt li Azzopardi ma għarafx l-akkwati żmien wara meta kienu ġa nbdew xogħlijiet fuq il-bini ġdid tal-Liceo fi Triq Fortunato Mizzi, ma jnaqqas xejn mill-kredibbilta' tiegħu, anzi isservi biex jintwera kemm hu veritjier!

Kienet għaqlija d-deċiżjoni li jsir aċċess fl-istess jum fejn Azzopardi jerġa jsemmi li kien *"ftit l-isfel mill-lights eżattament bejn il-ħwienet Gozo Prime u 202 Jewellery, faċċata tagħhom mal-ħajt tal-iskola. Il-pompa tal-petrol li ghamilt riferenza ghaliha hija dik ta' Azzopardi. Iz-ziemel kien qieghed fejn il-pompa tal-petrol ta' Azzopardi* ***preċiżamaent fejn l-arblu tad-dawl*** *li hemm qrib il-hanut Gadget.* ***Iz-ziemel kienu qeghdin isawtuh. ....Wiehed kien qed isawwat iż-żiemel u tnejn izommuh****.....[wara li safa mwegga miz-ziemel] sid iz-ziemel qabad iz-ziemel u telaq. Jien rajtu lis-sid iz-ziemel jiehdu."* Mitlub jikkonferma kienx ċert li kien l-imputat li ħa lura ż-żiemel jgħid li hu 99% cert li hu.[54]

Hu propju hawn li l-Qorti terġa tikkonferma kemm tassew hu <u>kredibbli</u> Mariano Azzopardi u kemm dak li jixhed, f'aktar minn okkażjoni waħda fejn baqa' konsistenti, għandu mis-sewwa. Mhux prużuntuz Azzopardi u lanqas ma għandu xi interess iżejjen il-fatti. Li kieku ried iżejjen il-verżjoni tiegħu ma kien hemm xejn li jimpedieh milli jgħid li kien ċert 100%, l-istess bħal ma seta' qal li qed jagħraf il-post muri fuq ir-ritratti murija lilu!

Iżda minkejja kollox ma jista' qatt jintesa li <u>Eucharist Grech</u> li la ġarrab ġrieħi u għalhekk m'għandux interess ma jgħidx is-sewwa wkoll **identifika lil Dylan Micallef bħala l-persuna li kien qed issawwat liż-żiemel** ħdejn il-pompa tal-*petrol* **qabel ma bdiet it-tiġrija**.

Ma' dan jingħaqad ukoll dak li l-<u>imputat innifsu ammetta ma PS715 Gatt</u>[55] meta qallu li kien fuq l-*start line* maż-żiemel u b'hekk igiddeb lil Nathan u Vince Borg li xhur wara jisħqu li l-imputat kien fejn il-*finishing line* ħdejn l-Astra. Hu l-istess **imputat li fl-ewwel okkażjoni li ġie mitkellem mill-Pulizija jammetti li kien fuq l-*start line***! Ovvjament dan ma kinux jafuh!

---

[53] **Dok.MA2** u **Dok.MA3** a fol. 138 u 139

[54] Fol.140-141

[55] *"Dakinhar <u>jiena</u> flimkien ma' ċertu Nathan Borg...<u>konna biz-ziemel fuq is-start line</u>"* a fol.14-15

L-**Ispettur Bernard Spiteri** ukoll jixhed li l-*starting line* tat-tiġrija kien quddiem il-McDonalds[56] filwaqt li **Reuben Said** jikkonferma li *"it-tiġrija kient tibda minn fejn il-parking tal-Arkadia"*.[57] Dan iservi ta' korroborazzjoni għal dak li jistqarru Azzopardi u Grech in kwantu meta jispjegaw għaliex setgħu isegwu l-għemil tal-imputat qabel ma bdiet it-tiġrija li kienu qed isegwu passi 'l bogħod mill-pompa fejn kien qed jiġi msawwat iż-żiemel.

Dan kollu jwassal lil Qorti ssib li mhux talli l-imputat kien maż-żiemel fuq l-*starting line* ħdejn il-pompa iżda **kien hu li sawwat iż-żiemel**. Fil-fatt tant jidher li l-imputat kellu faħam miblul li wara dak li seħħ dlonk ħalla l-post u mar Malta biex ma jagħtix ħin lill-veterinarju, li kien fuq il-post, jieħu kampjuni tal-livelli tad-demm tal-bhima tiegħu li kien irvellaha bis-swat li balltilha!

**Eucharist Grech** kien ma' Mariano jsegwi t-tiġrijiet: *"konna inharsu fid-direzzjoni tal-pompa .....jiena* ***rajt lill-imputat Dylan Micallef ....qed isawwat iż-żiemel.*** *Hu kien in-naha wara taz-ziemel. Kien qieghed* ***isawwat iż-żiemel fil-partijiet privati tiegħu.*** *Kien hemm tnejn ohra qed iżommu z-ziemel minn rasu. Imbghad* ***x'hin beda jsawtu Micallef, iż-żiemel beda jghola u imbghad iż-żiemel ħareġ sparat qisu balla ta' kanun. Iz-ziemel ħareġ balla ta' kanun fid-direzzjoni tan-nies."***[58]. Ikompli jindika għaliex kellu viżwali ċara u dan issaħħah il-kredibbilta' tal-verżjoni tax-xhud: *"Jien żiemel wiehed rajt fejn il-pompa tal-petrol. Iż-żwiemel l-oħra ma kienux għadhom resqu l'hemm*[59]*. ...****Jien kont qed inhares lejn iż-żiemel li kien fejn il-pompa... ghaliex z-ziemel kien qed jiġi msawwat u ghalija din mohqrija****. Iz-ziemel kien man-naha tal-pompa tal-petrol....* Identifika lill-imputat għaliex kien l-unika mit-tliet irġiel li kienu maż-żiemel li kellu nuċċali ***"għaraft lil min kien qed issawtu għaliex kien bin-nuccali"*** **u indika lill-imputat Micallef!**[60]

Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mill-identifikazzjoni tal-imputat li saret minn Azzopardi u Grech. Dan mingħajr ma jingħad xejn dwar il-fatt li l-imputat jammetti mas-Surgent Gatt li hu kien fuq l-*starting line* proprju kif jgħidu dawn iż-żewġ xhieda. Din l-identifikazzjoni ssegwi l-linji gwida stipulati mill-Qori tal-Appell Ingliża fil-każ **R vs. Turnbull**[61] li l-qrati tagħna jsegwu b'konsistenza:

> "First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on

[56] Fol.66
[57] Fol.73
[58] Fol.63
[59] Fol.63
[60] Fol.64
[61] [1977] Q.B. 224

> the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words. Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence. Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger."

Dak li ġibed l-attenzjoni ta' Grech kien propju l-iswat insensat u gratwit li kien qed isofri ż-żiemel taħt l-id kiefra tal-imputat. Il-viżwali kienet ċara tant li bla diffikultà identifika lill-imputat:

(i) iż-żiemel kien maqtugħ għalih ħdejn il-pompa, viċinissima għal fejn kienu jsegwu t-tiġrija Grech u Azzopardi, hekk x'ħin iż-żwiemel l-oħra kienu qed jagħmlu l-*warming up* fejn l-*starting line*;
(ii) it-triq kienet imdawwla sew;
(iii) rassa ma kienx hemm;
(iv) kemm Grech kif ukoll Azzopardi kienu faċċata jsegwu dak li kien qed iseħħ ftit passi 'l bogħod minnhom, kif jikkonferma kull min hu midħla ta' Triq Fortunato Mizzi u senjatament in-naħa t'isfel tagħha fejn żvolġa l-inċident!

Isegwi li din l-identifikazzjoni ma tiddipartixxix mis-salvagwardji tal-linji gwida ta' Turnbull u għaldaqstant il-Qorti bla diffikultà jew eżitazzjoni qed tistrieħ fuqha.

Mhux l-istess serħan il-moħħ jitqanqal meta tiġi kunsidrata x-xhieda ta' Nathan u Vince Borg. Xhieda li m'għandhiex mis-sewwa u tibqa mhix korroborata lanqas bl-iċken prova.

**Nathan Borg** jixhed li kien qed iżomm iż-żiemel ta' Dylan minn rasu. Hekk kif kien miexi biż-żiemel lejn it-tluq: *"il-gerrej kien ghadu se jirkeb fquqa, inqala żiemel minn warajha li tawh tluq biex jippruvawh u kif laqtu daqxejn bil-frostin, taghna inhasad u inqala jiġri ghal maz-ziemel l-iehor peress li jkunu ittrenjati ghall-giri."*. Ipprova jżommu iżda ma rnexxielux. Jixhed li ż-żiemel ma ntlaqat mill-ebda frostin iżda ħass żiemel ieħor jitlaq u telaq bħalu. Borg ikompli jixhed li l-imputat ma kienx ħdejn iż-żiemel iżda kien ħdejn il-*finishing line* filwaqt li hu kien ma' missieru Vince Borg il-ġerrej.[62]

Hawnhekk m'hemmx dubbju li Nathan qed jigdeb għaliex jirriżulta mix-xhieda ta' **John Cefai** li t-tiġrija li kellha tiġri fiha l-bhima ta' Micallef kienet għada ma bdietx u fil-ħin li sfratta ż-żiemel kien hemm biss bhejjem jagħmlu *"warming up"*.[63] John Cefai filwaqt li jsemmi li ż-żwiemel l-oħra kienu għadhom aktar 'l isfel ħdejn l-*starting line* - u b'hekk qatt ma seta' ġie milqut iż-żiemel li sfratta - jixhed li ż-żiemel kien *"Kien gej mahrub minn fuq il-pompa tal-petrol. Dan qasam it-triq minn naha tat-Tamarisk ghan-naha tal-iskola u baqa diehel fuq il-bankina fin-naha tal-iskola fejn kien hemm in-nies"*.[64]

Dan jikkonfermawh Mariano Azzopardi u Eucharist Grech meta jistqarru li ż-żwiemel l-oħra kienu għadhom 'l isfel mill-pompa biż-żiemel ta' Micallef biss ikun ħdejn il-pompa.

Issa li kieku verament kienet bdiet it-tiġrija kif jixhed Nathan Borg, ma s'ta' qatt ikun kif jgħid hu li kien miexi biż-żiemel. Minbarra hekk kieku kien minnu li t-tiġrija laħqet bdiet ikun mistenni li l-ġerrej ikun riekeb fuq is-serkin. Minflok fil-verżjoni li jiffabbrika jsemmi kif *"Kont qed inzomm iż-żiemel minn rasu…il-gerrej kien ghadu se jirkeb fuqu"*.[65]

Hawnhekk il-Qorti tirrimarka li din ix-xhieda ttieħdet f'Jannar 2020, sena u nofs wara l-akkadut, altru żmien biżżejjed biex jiġi miftiehem x'verżjonijiet kellhom jingħataw minn Nathan u Vince Borg. Jidher ukoll li kien għadda żmien biżżejjed biex Dylan nesa x'kien iddikjara ma' PS715 li jgiddeb il-verżjoni mogħtija minn Vince u Nathan Borg! *Multo magis* meta jitqies li Vince xehed fi Frar 2020, dsatax il-xahar wara l-inċident.[66]

---

[62] Fol.120

[63] Xhieda John Cefai a fol.118

[64] Fol.117

[65] Fol.120

[66] Hu propju hawn fejn l-iskop li xhieda tingabar minn perit legali - proċess intiż biex kawża speċjalment waħda sommarja kif oriġinarjament kienet din il-kawża titħaffef– jiġi jintilef għal kollox anzi l-proċess intir jiġi imminat bid-dewmien. Din ix-xhieda bdiet tingabar fil-15 ta' Marzu, 2019 u kellha tkun din il-Qorti biex tordna li x-xiehda li kien jonqos sad-data meta ġiet assenjata lilha l-kawża jinstemgħu minnha. Jingħad ukoll li tul it-3 snin inżammu biss 8 seduti: fil-15 ta' Marzu, 2019, 3 ta' Mejju, 2019, 18 t'Ottubru, 2019, 10 ta' Jannar 2020, 28 ta'

Fil-fatt **Vince Borg** jidħol fl-istess sqaq maħluq bil-gideb tiegħu u ibnu meta jagħti l-istess verżjoni bħal ibnu li kif intwera, qatt ma jista' jkollha mis-sewwa: *"Gie żiemel iehor minn wara. Iz-ziemel li kien qed iżomm Nathan semghu u inqala biex jitlaq".* Ikompli li ibnu prova jżommu iżda ma rnexxielux u baqa' jitkaxkar miegħu u ma żammux. Jixhed *"Qabel iż-żiemel nafar, jiena u ibni Nathan konna. Dylan Micallef ma kienx maghna. Kien qieghed fejn il-finish line. Iz-ziemel hu ta' Dylan."*[67] Jidwu kliem Cefai li t-tiġrija ma bdietx u kien qed isir *warming up* bi żwiemel ikunu lejn l-*starting line*!

**PS676 Edelon Spiteri** jagħti xhieda li tkompli tikkontradixxi dik mogħtija minn Nathan u Vince Borg meta jgħidu li kienu weħidhom maż-żiemel meta ż-żiemel sfratta! Is-surġent jispjega li hu kien fil-kantuniera tal-Mojo's – quddiem l-Arkadia fejn kien hemm l-*start line* - meta ra iż-żiemel bis-sewwieq fuqu u żewġt persuni, wieħed fuq kull naħa jippruvaw iżommuh – għalhekk kienu tlieta żgur!.[68]

Ikompli jikkontradixxi l-verżjoni li ż-żiemel inħasad wara li ntlaqat minn żiemel ieħor hekk kif jispjega li fil-ħin tal-inċident iż-żwiemel l-oħra kienu lura mill-*start line*, fid-direzzjoni tal-Imġarr.[69] Dan jikkorrobora bi sħiħ dak mistqarr minn Eucharist Grech li setgħu jaraw sew x'kien qed jiġri għaliex f'dak il-ħin iż-żiemel tal-imputat kien maqtugħ minn maż-żwiemel l-oħra: *"Jien żiemel wiehed rajt fejn il-pompa tal-petrol. Iż-żwiemel l-oħra ma kienux għadhom resqu l'hemm*[70]*.*

Hu ovvju li meta s-Surġent lemaħ iż-żiemel dan kien wara li kien ġa ssawwat kif spjegat minn Azzopardi u Eucharist Grech għaliex isemmi li meta raħ, iż-żiemel kien ġa naffar u beda jogħla fuq saqajh ta' wara. Fil-fatt fit-testimonjanza tiegħu juri li meta raħ, **is-sewwieq kien fuqu u tnejn oħra kienu fil-ġenb tiegħu** jippruvaw iżommuh tant li jixhed *"ma niftakjarx x'kienet eżatt ir-raguni, inġibdet l-attenzjoni tieghi ghal dan iż-żiemel li naffar u gara dak li spjegajt qabel".*[71]

Għalhekk il-Qorti hi konvinta li l-isforzi ta' Vince u Nathan Borg biex ibegħdu lill-imputat mix-xena tal-akkadut, meta anke s-Surġent jikkorrobora dak li jixhdu Grech u Azzopardi, tkompli turi li x-xhieda tagħhom m'għandhiex mis-

---

Frar, 2020, 9 t'Ottubru, 2020, 12 ta' Frar 2021 u 23 ta' Frar 2021. Ma saret l-ebda seduta għal tnax il-xahar sħaħ sakemm kien l-assenjazzjoni imsemmija. Ċertament dan id-dewmien esaġerat partikularment għall-kawża sommarja tad-distrett, jimmina l-prinċipju ta' ġustizzja f'waqtha kemm għall-imputat kif ukoll għall-partijiet leżi fejn minflok għajnuna għall-ġudikant tissarraf ta' tfixkil għall-andament speditiv li jesiġi kull proċess penali.

[67] Fol.127

[68] Fol.121-122

[69] Fol.122

[70] Fol.63

[71] Fol.122

sewwa u hi intiża biss biex jiskulpaw lil Micallef. Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha sal-grad imsemmi.

M'hemmx dubbju li l-għemil tal-imputat li jsawwat żiemel qabel ma bdiet it-tiġrija kien propju sabiex jikkaċċja l-bhima tiegħu; issawwtu sabiex itella' l-pressa tad-demm biex iż-żiemel jirvilla u joħroġ għat-tiġrija b'aktar saħħa bil-għan li jsir aktar kompetittiv. Għemil li għandu jkun klassifikat bħala krudilta' u xejn aktar; għemil li jammonta għall-imputazzjonijiet numru erba' (4) u sitta (6) addebitati lil Micallef. Imbagħad Vince Borg jixhed li *"...iż-__ziemel hu ta' Dylan__"*[72] u għalhekk anke l-ħames (5) imputazzjoni ġiet pruvata.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Il-provi jimmanifestaw b'mod inekwivoku li kien l-istess swat, għemil konsapevolment perpetrat mill-imputat, li wassal sabiex iż-żiemel irvilla, sfratta u kkawża ħerba fi Triq Fortunato Mizzi b'nies jiġu midruba serjament tant li inizjalment Azzopardi kien ċertifikat *"his condition critical"*.[73]

Fl-isfond ta' dawn ir-riżultanzi l-Qorti ser tikkunsidra l-ġurisprudenza in materja.

__Konsiderazzjonijiet Legali Dwar Reati Involontarji__

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE** ġie deċiż:[74]

> Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju…..
>
> …..Huwa __obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi__. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx

[72] Fol.127
[73] **Dok.BS1** a fol.67
[74] Deċiża 4.02.1961 per Onor. Imħallef Dr. J. Flores. Kollez. Deċiz Vol.XLV.iv. 870, 903

obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq innuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta.

Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita` bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu.

L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti.
[sottolinejar tal-Qorti]

Fis-sentenza **Ciantar v Gatt**[75] ġie ċitat **Chirani** li jgħallem:

*"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessita', quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente… Il fatto illecito si conobbe allora al comportamento giuridicamente anormale, ne sara valevole l'eccezzione liberatoria perche' inutilizza dal dolo o dalle colpe precedente…."*

Imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri** ikkunsidrat:[76]

Fil-fatt artikolu 225 jitkellem fuq "*nuqqas ta' hsieb, traskuraggni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti" ……*

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija oggettiva u dik suggettiva. L-ezami ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu mmirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f' cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza fuq kemm wiehed ikun vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f' dak il-kaz partikolari.

Ghalkemm il-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini "nuqqas ta' hsieb u traskuragni", madanakollu l-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f' cirkostanza partikolari. Tali interpretazzjoni taghmel sens hafna iktar meta tikkunsidra li l-Kodici taghna huwa bbazzat fuq il-Kodici Taljan tal-1889 fejn l-ezami ta' negligenza huwa wiehed suggettiv.

*Di piu'* il-gurista **Sir Anthony Mamo**, fin-Noti tieghu, jistipula illi ghalkemm il-legislatur jonqos milli jaghti definizzjoni ta' dawn it-termini pero' "**it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the**

[75] Qorti tal-Appell Ċivili; 15.05.1926, per Onor. Imħallef Luigi Camilleri
[76] Per Onor. Imħallef Edwina Grima, Deċiża 28.02.2018

**circumstances.**" Il-Professur Mamo kompli jsostni li **"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen".**[77]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Richard Grech'**[78] gie deciz li l-kuncett ta' traskuragni jimplika **"certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali.**" Ghaldaqstant skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda palesi, sabiex l-appellanti setghet tinsab hatja li saqet b' nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, kien jehtieg li tali hsara tkun preveddibli, ghalkemm mhux prevista.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ' **Pulizija vs Perit Louis Portelli'**[79] gie stipulat li:

**"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.**

**Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t' Ottubru 2012 fl-ismijiet : **Il-Pulizija v Peter Stroud**[80], il-Qorti ccitat dak illi qal **Archbold** fil-*' Criminal Pleading, Evidence and Practice'*:

**"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."**

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[81]

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament

[77] Lectures in Criminal Law, Volume 1

[78] Deċiża nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imħallef V. De Gaetano

[79] Deċiża nhar l-4 ta' Frar, 1961 per Onor. Imħallef J. Flores

[80] Per Onor. Imħallef M. Mallia

[81] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Onor. Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[82]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[83] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[84] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[85] Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[86]

Skond l-imsemmija sentenza, "**Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn**.
[emfazi tal-Qorti]

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference

---

[82] **Carrara F.**, "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.
[83] **Dizionario Zingarelli,** (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", **Nicola Zingarelli** (Edizzjoni 12, Gunju 2001).
[84] **Antolisei F.**, "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[85] **Novissimo Digesto Italiano**, Vol. III, p. 548.
[86] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq ċitata

to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[87]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) **Il-Pulizija vs Alexander-Roger Manche** ntqal:[88]

Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dana il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Kwindi il-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda eghmil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari…….

Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawwru dana ir-reat gew studjat *funditus* fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija. …….

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

"***Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.***"

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta…….

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja**:**

1. **azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.**
2. **ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.**

---

[87] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

[88] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; Per Onor. Maġistrat Edwina Grima; Deċiża 6 t'Awissu, 2013

3. **l-element tal-prevedibbilita'**

Ikkunsidrat,

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat:

1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu.
2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Mill-provi miġbura u fid-dawl ta'dan it-tagħlim ġurisprudenzjali l-imputat wera negliġenza u imprudenza liema bħalha meta naqas milli jipprevedi li meta ser issawwat żiemel bil-għan li dan jirvilla u joħroġ aktar b'saħħtu għat-tiġrija, ser ikun diffiċli tikkontrollah. Dak wara kollox kien l-iskop li jissawwat biex jitlaq b'aktar forza u jiġri iżjed!

Ikkunsidrati l-provi miġjuba ġie pruvat sal-grad mistenni li l-ġrieħi li ġarrbu l-partijiet leżi ġarrbuhom b'konsegwenza tas-swat li Micallef sawwat iż-żiemel tiegħu.

Il-Qorti m'għandhiex dubbju li jekk annimal imqar tinbxu wkoll ser jirrejaġixxi, aħseb u ara jekk issawtu. Fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li hu għal kollox irrelevanti jekk is-swat sarx fuq il-partijiet privati taż-żiemel jew fuq xi parti oħra taż-żiemel. Ma jridx jintesa fejn l-imputat għażel li jwettaq dan l-iswat, u ċioe' f'dik il-parti tat-triq fejn kien hemm bosta nies miġbura. Għalhekk naqas bil-kbir mhux biss meta sawwat annimal ta' xejn b'xejn iżda meta **naqas milli jipprevedi l-konsegwenzi ta' dak l-għemil.** Il-parti fejn kien jinsab biż-żiemel ma kienet tgawdi l-ebda forma ta' sigurtà u ċertament l-imputat kien konsapevoli tad-dintorni tiegħu meta ddeċieda biex sempliċement jirbaħ tiġrija ta' festa isawwat annimal bla ħniena.

Finalment jiġi osservat ukoll li kieku l-pulizija indenjat ruħha tiġbor il-filmati mis-*cctvs* li jkopru dik il-parti tat-triq, il-fatti kienu jirriżultaw ferm aktar kmieni u possibbilment dan kien jissarraf f'ekonomija kemm fiż-żmien ta' dawn il-proċeduri kif ukoll fi spejjeż li tali proċediment ġie jiswa lil erarju Malti!

Għaldaqstant l-ewwel tlett imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati tenut kont li l-ġrieħi li sofrew Azzopardi, Mercieca u Grech kienu konsegwenza tal-għemil negliġenti w imprudenti tal-imputat.

## Piena

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena, il-Qorti qieset il-fedina penali netta tal-imputat, in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom li dan il-każ jirrisali għall-2018.

Ġie kunsidrat ukoll li fir-rigward tar-raba, il-ħames u s-sitt imputazzjoni japplika l-prinċipju tal-konkors formali jew ideali ta' reati, fejn fil-każ in deżamina l-piena tkun l-istess waħda kif ravviżata bl-artikolu 45(1)(a) tal-*Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali,* Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.[89]

Finalment ittieħed kont tal-fatt li l-aġir tal-imputat, krudili daqs kemm hu spavaldat, wassal biex il-hajja ta' Azzopardi tinbidel mil-lejl għan-nhar filwaqt li għal żmien Grech isofri sfreġju filwaqt li Mercieca ġarrab offiżi ħfief. Fil-fehma tal-Qorti multa waħedha ma tkunx piena idoneja li tirrifletti s-serjetà tal-għemil tal-imputat fejn l-għemil tiegħu kawża tant sofferenza mhux biss ghaż-żiemel iżda għal xejn anqas minn tlett minn nies.

## Decide

Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17, 31 u 226(1)(a)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikoli 8(2)(3)(4) u 45 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah għal **għoxrin (20) xahar priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal <u>żmien tlett snin</u> mil-lum u **multa ta' ħamest elef ewro (€5,000)** li għandhom jitħallsu fi żmien sentejn millum, ratejament b'pagamenti mensili.

Tenut kont li dan ir-reat seħħ fl-2018 u qabel l-emendi għall-artikolu 45(1)(b) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta introdotti bl-*Att XXXIX* tal-2021, fejn illum Qorti tista' tordna li imputat jiġi projbit milli jżomm annimali fil-futur, il-Qorti hi prekluża milli tagħmel ordni simili.[90]

---

[89] Il-piena fiż-żmien li twettqu dawn ir-reati kienet kif ġej:
(*a*) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien; **Att XXXV tal-2014**

[90] "Iżda meta persuna tinstab ħatja ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jkun jikkonsisti f'moħqrija tal-annimali, il-qorti tista' meta tqis li jkun xieraq, b'żieda mal-piena, tipprojbixxi lill-persuna misjuba ħatja milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-qorti."

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€846.51c** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**